# L-Internet– Hemmhekk hemm dinja ta' veru!

Illum il-ġurnata mhux la kemm tlaħħaq mat-tfal. Meta ħsibna li kollox kien sew u stajna nużaw l-*Email*, f'daqqa waħda feġġew iċ-*Chatting*, l-*Instant Messages* u t-*Texting*. Issa f'salt wieħed għandna lingwa ġdida u sfidi ġodda għalina l-ġenituri, għalliema u edukaturi.




Din il-gwida tgħinek biex issib is-soluzzjoni għall-problemi li jista' jġib miegħu l-użu ta' l-Internet.

# Imma t-tfal jafu aktar minni!

Għandu mnejn li l-kbar jitwerwru mill-Internet u jikkonfondu bit-termini ġodda u b'din it-teknoloġija.

Filwaqt li hu veru li t-tfal x'aktarx għandhom ħila teknika aktar minnek, huma xorta jeħtieġu l-pariri u l-protezzjoni tiegħek meta jkunu qed jużaw dil-biċċa għodda ġdida.

Wara kollox, int tista' tfiehem lit-tfal il-ħtieġa li jilbsu s-*seat belt* tal-karozza għalkemm ma tafx kif taħdem magna!




# Allura x'inhuma l-perikli ?

Bl-Internet qisek qed iddaħħal belt fil-kamra tiegħek: hemm ħafna postijiet sbieħ fejn it-tfal jistgħu jmorru u jiddevertu, imma wkoll ħafna postijiet fejn int ma tixtieqx li t-tfal imorru mingħajr superviżjoni.

Il-perikli prinċipali għat-tfal jistgħu jkunu kklassifikati hekk:

**KUNTATT** - Fuq l-Internet t-tfal jistgħu jagħmlu kuntatt ma' xi ħadd li jista' jagħmlilhom xi ħsara. Huma għandhom jitgħallmu r-regola "bniedem ma nafux, ma nafdahx" f'kuntest ġdid u m'għandhom qatt jagħtu dettalji personali jew jiltaqgħu waħedhom ma' xi ħadd li tkellmu miegħu fuq l-Internet.

**KONTENUT** - Oqgħod attent għall-materjal li t-tfal jaraw u agħtihom regoli sodi fejn imorru (f'liema siti jidħlu) u kif iġibu ruħhom.

**KUMMERĊJALIŻMU** - Reklamar qawwi *online* jista' jinvadi l-privatezza tat-tfal. Wissihom biex ma jimlewx formoli b'dettalji personali.

# Ma nistax nuża filter?

Xi programm tal-*filtering* jista' jgħin ħafna biex jimblokka xi materjal mhux xieraq, imma mhux effettiv mija fil-mija, u qatt m'għandu jkun sostitut għas-superviżjoni mill-adulti. L-użu ta' l-Internet fl-iskola ġeneralment ikun iffiltrat, imrażżan u bla perikli ta' xejn. Iżda ħafna tfal jużaw l-Internet għand il-ħbieb, fl-*Internet Cafes*, f'libreriji u f'ċentri taż-żgħażagħ fejn għandu mnejn ma jkunx hemm filters u superviżjoni adegwata.

Għalhekk huwa importanti li teduka lit-tfal kif għandhom iġibu ruħhom fuq l-Internet u tiddiskuti magħhom il-problemi li jista' jkollhom.

Tajjeb ħafna li żżomm il-komjuter f'kamra użata mill-familja kollha u mhux f'xi kamra tas-sodda.




# X'taħseb dwar il-mobile phones?

Il-kwistjoni li għandek toqgħod attent *online* tidħol ukoll fl-użu tal-*mobiles*.

Illum ħafna *mobiles* diġà għandhom aċċess għall-Internet. Hu importanti ħafna li twissi lit-tfal biex in-numru tal-*mobile* tagħhom ma jtuhx lil nies li ma jafuhomx jew li ma għandhomx fiduċja sħiħa fihom. Tkellem magħhom dwar il-kwalità ta' messaġġi jew stampi li qed jirċievu u li qed jibagħtu.




# Kun pożittiv




Inkuraġġixxi t-tfal biex iżuru siti divertenti u pożittivi li jsaħħulhom l-interessi tagħhom.

Bħalma int tfittex programmi tajba fuq it-TV għat-tfal, sib il-ħin biex issib l-aħjar siti, u dawk l-aktar utli, għat-tfal li huma taħt il-kura tiegħek.